KULLEĠĠ SAN NIKOLA

EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU

**Frar 2013**

| | | |
|---|---|---|
| **Is-Sitt Sena** | **L-ISTUDJI SOĊJALI** | **Il-Ħin: Siegħa u Kwart** |

Marka Totali

**L-Isem: ___________________________ Il-Klassi: __________**

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Aqra din il-faċċata, imla ismek u l-isem tal-klassi.
- Taqlibx il-paġna qabel jgħidulek li tista' tibda.
- Aqra sewwa kulma hemm miktub u segwi tajjeb l-istruzzjonijiet.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla xi vojt li tkun ħallejt.

**A. Daħħal il-kliem mogħti biex tkompli kull sentenza.**

**L-ewwel waħda lesta:** (10 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| demokratiku | iċ-ċinema | bl-Ingliż | imejl |
| tal-*mass media* | il-lingwa | il-fuljett | messaġġ |
| tal-mowbajl | reklam | l-gazzetti | |

| | |
|---|---|
| 1 | Il-knisja f'Malta tqassam ***<u>il-fuljett</u>*** FLIMKIEN fid-djar kollha. |
| 2 | Meta ma tkunx id-dar tista' ċċempel permezz ______________. |
| 3 | Permezz tal-internet nistgħu nibagħtu ______________ flok ittra. |
| 4 | Meta taqra ______________ tkun qed iżżomm ruħek informat. |
| 5 | Film tista' tarah fil-kumdità ta' darek jew tmur ______________. |
| 6 | In-negozjanti li jridu jħajru n-nies jixtru xi prodott jistgħu jagħmlu ______________. |
| 7 | F'pajjiż ______________ għandek issib diversi mezzi ta' komunikazzjoni fejn iċ-ċittadini jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom. |
| 8 | F'pajjiżna barra l-gazzetti bil-Malti nsibu oħrajn ______________. |
| 9 | Permezz ______________nkunu nafu x'qed jiġri f' pajjiżna u fid-dinja. |
| 10 | Mod ieħor ta' kif tikkomunika bil-mowbajl hu li tikteb ______________. |
| 11 | Nużaw ______________ biex nitkellmu ma' xulxin. |





**B. Qabbel dawn li ġejjin billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta.**
**L-ewwel waħda lesta:** (10 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | ***Poster*** | | In-nies jaqrawhom biex jinfurmaw ruħhom fuq dak li jkun għaddej fil-pajjiż u fid-dinja. |
| 2 | Ġurnali | | Hu l-kap tal-gvern li jmexxi l-laqgħat tal-kabinett biex jitressqu jew jgħaddu l-liġijiet. |
| 3 | Il-gvern | | Ikun magħmul mill-kunsilliera flimkien mas-sindku tal-post. |
| 4 | Il-Kunsill Lokali | | Il-kamra tad-deputati fejn jiltaqgħu l-gvern u l-oppożizjoni biex jiddiskutu l-liġijiet. |
| 5 | Il-parlament | **1** | Jitwaħħal fuq *notice board, bill board* jew ma' xi vetrina biex in-nies ikunu jafu dwar ċertu attivitajiet. |
| 6 | Ittra | | Permezz tiegħu tista' tidħol fuq l-internet, tkun taf aktar informazzjoni dwar dak li jkun qed jiġri fid-dinja. |
| 7 | Il-Prim Ministru | | Tintbagħat f'envelop li fuqu jkollu l-bolla u l-indirizz. |
| 8 | Il-kompjuter | | Il-grupp parlamentari li jkollu l-kunsens tal-poplu biex imexxi l-pajjiż. |
| 9 | Imejl | | Jikkomunika waqt l-omelija meta jitla' fuq il-pulptu jew l-ambone. |
| 10 | Il-kabinett | | Permezz tal-indirizz elettroniku tista' tibgħat ittri jew messaġġi fi żmien qasir. |
| 11 | Il-kappillan | | It-tim tal-Ministri tal-Gvern immexxija mill-Prim Ministru. |

**Ċ. Wieġeb** (5 marki)



1. Min imexxi l-laqgħat tal-parlament?

_______________________________________________

2. Kull kemm snin ikun hemm elezzjoni ġenerali?

_______________________________________________

3. Agħti kelma oħra għal membru parlamentari.

_______________________________________________

4. Xi jkun għaddej matul ix-xahar ta' qabel l-elezzjoni ġenerali?

_______________________________________________

5. Agħti l-isem tar-radju tal-knisja.

_______________________________________________

**D. Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:** (5 marki)

1) Nafu li l-ewwel bnedmin li ġew Malta fi Żmien il-Pre-Istorja kienu nisa, irġiel, tfal u trabi li kienu jixbhu lilna. Semmi żewġ affarijiet oħra li taf dwar dawn in-nies:

a) _______________________________________________

b) _______________________________________________

2) X'jismu wieħed mill-għerien kbar li marru joqogħdu fih dawn in-nies malli waslu Malta? _________________________

3) F'liema raħal jinsab dan l-għar? _______________________

4) Meta dawn in-nies ma baqgħux jagħmlu użu biss mill-għerien, huma marru joqogħdu fiż-Żebbiegħ. Kif inhuma msejħin l-fdalijiet li nstabu hemmhekk? _________________________.

**E. Daħħal il-kliem mogħti biex tkompli kull sentenza.**

**L-ewwel waħda lesta:** (10 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| Franka | ħames | ħlejjaq | baħar |
| Ġebla s-Safra | ilmijiet | fuħħar | għoljin |
| sedimentarju | qadim | rdum | |

| | |
|---|---|
| 1 | Il-blat ta' Malta jissejjaħ ***sedimentarju***. |
| 2 | Il-blat Malti fih _______________ saffi. |
| 3 | Is-sediment hu materjal li jinġarr mill- _______________ tax-xmajjar. |
| 4 | Fil-blat ta' Malta nsibu frak u qxur ta' _______________ tal-baħar. |
| 5 | Aħna nibnu d-djar tagħna bil-ġebla tal- _______________. |
| 6 | Il-blat tagħna fforma f'qiegħ il- _______________ 30 miljun sena ilu. |
| 7 | Ir-ramel ħamrani tar-Ramla l-Ħamra magħmul mill- _______________. |
| 8 | Is-saff tal-Qawwi ta' Fuq narawh f'postijiet _______________. |
| 9 | Is-saff tal-Qawwi t'Isfel hu l-aktar saff _______________. |
| 10 | Meta nħarsu lejn xi _______________ nistgħu naraw kif ikunu s-saffi. |
| 11 | It-tafal jinħadem u jinħema ġewwa forn jaħraq biex isir _______________. |





**F. Aqra dan id-djalogu mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet:**

(12 -il marka)



Il-ġimgħa l-oħra Ms.Borg ħadet lit-tfal tal-klassi sa Ħaġar Qim. Waqt li kienu hemm Maria u Mark qabdu diskursata bejniethom.

**Maria:** Tiftakar x'kienet qaltilna l-miss li jsejħulhom lin-nies li bnew dan it-tempju?

**Mark:** Faċli ħafna. Kelma oħra flok tempju hija maqdes. Għalhekk isejħulhom nies ta' Żmien l-Imqades.

**Maria**: Iva issa qed niftakar. Min jaf kemm batew biex bnew tempju bħal dan! Żgur li ma kellhomx l-għodda li hawn illum.

**Mark:** Dażgur li le. L-għodda tagħhom kienet bħal ta' Żmien in-Neolitiku jiġifieri kienu jagħmlu użu miż-żnied, għadam u affarijiet oħra. Imma ma kellhomx għodda tal-metall.

1) Għaliex Ħaġar Qim insejħulu tempju megalitiku?

___________________________________________

2) Fejn jinsabu t-tempji tal-Ġgantija?

___________________________________________

3) Kemm-il tempju hemm fil-Ġgantija?

___________________________________________

4) Minbarra nies ta' Żmien l-Imqades, ta' liema żmien insejħulhom lil dawn in-nies li bnew it-tempji?

___________________________________________

5) Semmi tempju ieħor li nbena fi Żmien l-Imqades minbarra Ħaġar Qim u l-Ġgantija.

___________________________________________

6) X'jissejjaħ it-tempju li jinsab Ħal Saflieni li flok inbena, ġie mħaffer taħt l-art?

___________________________________________

**Ġ.Aqra sew dawn il-fatti dwar in-nies ta' Żmien il-Bronż u imla l-vojt kif meħtieġ.** (8 marki)



Ir-______________ tan-nies ta' Żmien il-Bronż kienet differenti minn dik tan-nies ta' qabilhom. Dawn in-nies ma bnewx ______________. Lill-mejtin tagħhom kienu ______________ u l-fdal kienu jpoġġuh taħt ______________, din kienet ġebla kbira ______________ fuq ġebel iżgħar. Dawn ukoll kienu jwaqqfu ġebel kbir wieqaf li jissejjaħ ______________. Il –bronż isir b'taħlita ta' ____________ u ____________.

**G. Imla l-vojt f'din is-silta dwar forom ta' art li naraw f'diversi nħawi ta' Malta u Għawdex.** (5 marki)

Wied il-Kbir huwa wieħed mill-widien li nsibu f'Malta. Wied ieħor li jinsab f'Malta huwa ___________________________.

Fl-_____________ bħal dawk ta' Ħad-Dingli u ta' Ċenċ baqgħu jgħixu pjanti li f'postijiet oħra nqerdu mill-bniedem. Waħda minn dawn il-pjanti mhix ħlief Widnet il-Baħar, li hija l-pjanta nazzjonali.

Irħula u bliet bħall-Imdina, ir-Rabat u l-Mellieħa nbnew fuq _____________ bil-quċċata ċatta u wiesgħa.

_____________ kennija mill-maltemp iservu bħala portijiet għad-dgħajjes u l-vapuri. Eżempju ċar ta' dan huwa l-Port il-Kbir ta' Malta.



Il-*Blue Grotto* fiż-Żurrieq u l-Għar tal-Qawra fid-Dwejra huma għerien li ffurmaw permezz tal-_____________ qawwi li fetaħ xquq fil-blat matul il-kosta.

**GĦ. Ħares sew lejn il-mappa u l-fetħiet immarkati.** (12 –il marka)




**(i) Kompli dawn is-sentenzi billi tikteb l-isem tal-post:**

Jekk naqbad vapur minn Malta u noħroġ minn fetħa **A** nkun għaddejt mill-fetħa magħrufa bħala ______________________. Din tinsab bejn żewġ pajjiżi li huma ______________________ u ______________________. Wara li noħroġ minn hawn insib ruħi ġo baħar kbir ħafna bl-isem ta' ______________________.

Fetħa **B** għandha l-isem ______________________, din twassalni għal baħar magħluq bl-isem ______________________. Din il-fetħa taqsam il-pajjiż ______________________ fi tnejn.

Jekk bil-vapur ngħaddi minn fetħa **Ċ** insib ruħi fil-Baħar ______________________. Iżda qabel nasal hemm irrid ngħaddi minn passaġġ li jġib l-isem ______________________. Din il-fetħa wkoll qed taqsam minn pajjiż ieħor li jġib l-isem ______________________.

**(ii) Agħżel l-ittra li turi l-fetħa li trid tgħaddi minnha:**

Mill-Portugal irrid immur l-Italja bil-baħar għalhekk għandi ngħaddi minn fetħa (**A**, **B**, **Ċ**).
Mill-Italja irrid nibqa' sejjer lejn l-Oċean Indjan għalhekk l-iqsar triq hi minn fetħa (**A**, **B**, **Ċ**).

**H. Agħti l-ismijiet tal-Gżejjer u Pajjiżi fil-Mediterran:** (10 marki)




Attur famuż ried jagħmel vjaġġ bil-jott tiegħu. Telaq kmieni filgħodu mill-(1)________________. Wara vjaġġ qasir waqaf (2)________________ u minn hemm baqa' sejjer (3) ________________. Minn hemm qabad triqtu lejn in-Nofsinhar għal pajjiż bl-isem ta' (4) ________________. Qabel irritorna lura lejn pajjiżu ried iżur il-gżira ta' (5) ________________ li tagħmel mal-Greċja.

**Ħ. Fejn tippreferi tgħix,fil-kampanja jew fil-belt?**
**Ikteb ħames raġunijiet għaliex tippreferi hekk.** (5 marki)

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

**I. Ikteb l-ismijiet ta' dawn il-Bliet u Rħula Maltin fuq il-linji.**

(8 marki)

1. Inbniet mill-Kavallieri u msemmija għall-Gran Mastru li ta bidu għal bini tagħha. ________________
2. Insibu l-ajruport internazzjonali ta' Malta. ________________
3. Bajja Għawdxija li tinsab fit-tarf ta' wied fond u kbir.

   ________________
4. Belt storika mdawra bis-swar fejn insibu l-Forti Sant' Anġlu.

   ________________
5. Il-Belt kapitali ta' Għawdex. ________________
6. Minn hawn jitlaq il-vapur għal Għawdex. ________________
7. L-akbar raħal tas-sajd f'Malta. ________________
8. F'dan ir-raħal insibu l-akbar bajja ramlija f'Malta.

   ________________

# Tmiem il-Karta

